MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 53/2010/1

**Perit Lino Bianco f'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Lino Bianco and Associates**

**vs**

**John Cassar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fid-9 ta' Marzu 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors li pprezenta l-attur nhar it-22 ta' Frar 2010 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' hames elef, mitejn u hames Ewro w hamsa w disghin centesmu (€5,205.95) prezz ta' servizzi professjonali prestati lilu fuq l-inkarigu tieghu in*

*konnessjoni ma' Mineral Resources Assessment rigward l-applikazzjoni tieghu bin-numru PA 3837/07 dwar il-barriera*
*'Tas-Salvatur', fil-limiti tas-Siggiewi u VAT skond kont datat 23 ta' Frar 2008 gja mibghut lilu.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tat-22 ta' Settembru 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi prezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Il-konvenut ingunt in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta ta' John Cassar fejn eccepixxa s-segwenti:-*

*"1. Illi fl-ewwel lok tigi eccepita n-nullita' tar-rikors u dan peress li dan gie ntavolat minn persuna li m'ghandhiex personalita' guridika skond il-ligi.*

*2. Illi fit-tieni lok minghajr pregudizzju l-esponenti kien talab lill-Perit attur biex ma jkomplix bl-inkarigu li kien originarjament moghti u konsegwentement hafna mill-allegati servizzi saru meta l-inkarigu lill-istess Perit gie mwaqqaf.*

*3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal dak gja eccepit, il-Perit attur qatt ma ta stima tal-prezz tas-servizz li kellu jaghti lill-konvenut u ghalhekk il-konvenut qatt ma ta l-kunsens tieghu ghar-rati li l-Perit qieghed jabbaza t-talba tieghu fuqhom.*

*4. Illi fir-raba' lok, minghajr pregudizzju ghal dak gja eccepit, il-Perit qed jaghmel talbiet ghall-hlas eccessivi u mhux skond it-tariffi vigenti skond il-ligi.*

*5. Illi fil-hames lok, minghajr pregudizzju ghal dak gja eccepit, l-esponent qatt ma gie notifikat b'xi att gudizzjarju qabel giet intavolata din il-kawza.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-attur."*

*Illi nhar is-6 ta' Mejju 2010 xehed l-attur il-**Perit Lino Bianco** u spjega illi kien kellmu l-Perit Franco Montesin, li kien il-Perit tal-konvenut, u kien qallu li l-klijent tieghu, cioe' l-konvenut, kellu bzonn rapport ghall-MEPA sabiex juri li l-barriera li kellu kienet ezawrita. Qal li huwa ghandu specjalizzazzjoni fil-geologija u l-Perit Montesin kien kellmu f'dan ir-rigward. Huwa tkellem mal-konvenut li hadu fuq il-post u wrih is-sit, u hemmhekk huwa spjegalu kif kellhom jitrattaw il-kaz, jigifieri jew b'sistema ta' borehole jew b'sistema ta' studju ta' wcuh tal-barriera. Naturalment jghid li l-ahhar sistema hija l-aktar wahda ekonomika, pero' jekk ir-rizultati ma jkunux daqstant sufficjenti jkollhom imorru ghat-tieni option, cioe' dik tal-borehole, ghalkemm huwa kien ser jipprova jiffoka fuq l-evalwazzjoni tal-faccata. Qallu li mill-esperjenza tieghu dan it-tip ta' xoghol jiswa bejn wiehed u iehor elfejn lira Maltin (Lm2,000) oltre l-VAT, naturalment jekk ma jkunx hemm bzonn ta' borehole, u dan ghaliex il-kiri ta' borehole hawn Malta jiswa circa elfejn u hames mitt lira Maltin (LM 2,500). Huwa talbu xi affarijiet pero' beda bl-inkarigu moghti lilu. Jghid li l-informazzjoni li kien talbu kienet wahda teknika.*

*Jghid li wara din il-laqgha l-konvenut kien qallu sabiex imexxi u kien ghamel diversi accessi fuq il-post, u xi drabi kien mar il-konvenut u darb'ohra kien mar ibnu jiftahlu l-kancell tal-barriera. Huwa zamm surveys.*

*Ir-rapport huwa lestih fl-20 ta' Frar 2008. Esebixxa kopja ta' dan ir-rapport li gie mmarkat bhala Dok CSH, li huwa pprezenta l-MEPA nhar it-22 ta' Frar 2008 u dan waqt li kien ghaddej il-konvenut mal-Perit Franco Montesin. Jghid li huwa rcieva acknowledgement mill-MEPA, li huwa esebixxa u l-Qorti mmarkat bhala Dok CSH1. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-web site tal-MEPA li tindika li n-nota giet prezentata lill-MEPA, u dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok CSH2. Spjega li meta sar dan kollu kien jum il-Gimgha, w l-ghada s-Sibt kien cempillu l-konvenut u qallu sabiex jieqaf mix-xoghol, izda huwa qallu li x-xoghol kien lest u li sahansitra kien anke pprezenta r-rapport tieghu lill-MEPA. Huwa pprezenta l-kont li kien baghat lill-konvenut u li gie mmarkat bhala Dok CSH 3.*

*Jghid li dan baghtulu kemm permezz tal-posta normali kif ukoll permezz tal-posta registrata, liema ittra giet ritornata lura bil-kelma 'refused' kif jirrizulta mid-dokument li gie esebit u mmarkat bhala Dok CSH 4.*

*In segwitu' fil-25 ta' Frar 2008 huwa baghat ittra lill-konvenut u ghamillu referenza ghat-telefonata li kienet saret is-Sibt ta' qabel, meta huwa gie mgharraf biex jieqaf mill-inkarigu li kellu, w dan wara li kien gja pprezenta r-rapport tieghu lill-MEPA. Huwa esebixxa kopja ta' din l-ittra li giet immarkata bhal Dok CSH 5. Ma din l-ittra huwa kien ghamel bhala attachment kopja tat-timbru sabiex jipprovalu li effettivament kien diga' lesta mill-inkarigu moghti lilu, meta kellmu. Jghid li l-kopja li kien baghat registrata giet ukoll ritornata bil-kelma 'refused'.*

*Sussegwentement huwa baghat reminder fil-11 ta' Marzu 2009 peress li kien ghadu ma thallasx u peress li kien hemm interessi t'erba' mitt Ewro (€400), u din id-darba rega' baghatha bil-posta normali w bil-posta registrata, u dik registrata giet ritornata lilu bil-kelma 'refused', kif jidher mid-dokument li esebixxa w li gie mmarkat bhala Dok CSH 6.*

*Fit-22 ta' Settembru 2009, tramite l-avukat tieghu Dr. Phyllis Aquilina, huwa pprezenta ittra ufficjali fil-konfront tal-konvenut, li kopja taghha giet esebita u mmarkat bhala Dok. CSH 7, u peress li ma rcieva l-ebda pagament minghand il-konvenut ma kellu l-ebda triq ohra salv li jipprocedi bil-Qorti u jiftah il-prezenti kawza.*

*Qal li l-inkarigu li gie moghti lilu ma kienx fil-kwalita' tieghu ta' Perit izda ta' geologista, u ghalhekk it-tariffi ghall-periti ma japplikawx ghalih f'dan il-kaz. Jghid li l-kont tieghu jinkludi kemm drittijiet kif ukoll spejjez. Ikkonferma li lill-klijent kien qallu minn qabel kemm kien ser jiswih ir-rapport, u fil-fatt gie jiswa anqas.*

*In kontro ezami fl-24 ta' Mejju 2010 jghid li kien il-Perit Montesin li kien kellmu l-ewwel darba ghan-nom tal-konvenut, izda l-ftehim kien sar direttament mal-konvenut u l-Perit Montesin ma kienx prezenti meta sar. Qal li l-*

*applikazzjoni li kellu l-konvenut fis-Siggiewi kienet ghal Outline Development sakemm jigi pprezentat ir-rapport. Kien hemm bzonn ta' rapport li jindika li l-minerali kienu diga' gew mehuda minn dan is-sit. Huwa ghamel referenza ghall-ittra li tinsab esebita fil-process u mmarkata bhala Dok. CSH 13, fejn hemm miktub ezattament dak li kellha bzonn il-MEPA. Kien in segwitu' ta din l-ittra li l-Perit Montesin kien ikkomunika mieghu. Ikkonferma li lill-konvenut kien qallu x'kienu l-ispejjez involuti u li qallu li bejn wiehed u iehor ir-rapport kien ser jiswa elfejn lira Maltin (Lm2,000) oltre l-VAT. Dan pero' kien diskors verbali bejniethom, u zied li l-konvenut kien tah il-go ahead. Huwa kien talbu sabiex itih kopja tal-karta ta' identita' tieghu, u dan hekk ghamel. Jghid li huwa minnu li l-konvenut kien waqqfu mill-inkarigu, pero' dan sar wara li huwa kien diga' pprezenta r-rapport tieghu.*

*Mistoqsi min huma Lino Bianco Associates jghid li dik hija l-letterhead ta' l-ufficcju tieghu. Jghid ukoll li l-inkarigu li kellu kien tieghu personali u kellu jithallas b'mod personali.*

*Il-konvenut* ***John Cassar*** *xehed nhar il-5 ta' Lulju 2010 u kkonferma li l-MEPA kienet talbitu sabiex jaghmel test jew rapport dwar l-istat kif kienet il-barriera tieghu u li l-Perit tieghu Franco Montesin kien issugerixxa li jqabbad lill-attur. Dan kien ghall-habta tal-ahhar tas-sena 2007. Wara hafna tahbit, fil-bidu tas-sena 2008, il-Perit Bianco kien iltaqa' m'ibnu fil-barriera w gibed xi ritratti. L-attur kien talbu elf lira Maltin sabiex jibda l-inkarigu. Mistoqsi jekk il-perit qallux kemm kienet ser tiswa din il-bicca xoghol jghid li ma qallux, pero' lil ibnu kien qallu li l-ispiza kienet ser tigi gholja. Pero' mistoqsi mill-Qorti jekk l-attur kienx qallu li din il-kwistjoni kienet ser tiswa elfjen lira Maltin (Lm2000) jghid li ibnu ma qallux. Huwa mar lura ghand il-Perit Montesin u dan qallu li ma kellux ghalfejn jindahal.*

*Jghid li huwa beda jfittex Perit iehor sabiex jaghmel dan ix-xoghol u spicca qabbad lil certu Salvu minn Had-Dingli, li wara li staqsih jekk kienx lest li jaqdih dan accetta u qallu li x-xoghol kien ser jiswa mitejn lira Maltin (Lm200). Jghid li dan Salvu ghamillu r-rapport, hu hallsu w ghadda*

*kopja lill-Perit Montesin sabiex jipprezentah lill-MEPA. Spjega li jumejn wara kien cempillu l-attur u talbu l-flus u li hu kien qallu sabiex ma jaghmillu xejn ghaliex kien sab perit iehor li kien lest li johodlu biss is-somma ta' mitejn lira Maltin (LM 200). Dak il-hin stess il-Perit Bianco kien qallu li r-rapport kien lest u li kien ser jipprezentah lill-MEPA. Ikkonferma li lill-attur iltaqa' mieghu xi darbtejn pero' dan lilu qatt ma qallu kemm kien ser jiswa r-rapport, ghalkemm lit-tifel jghid li qallu li kien se jkun gholi. Mistoqsi jekk lill-attur kienx qallu li qabbad Perit iehor iwiegeb fin-negattiv. Jichad li huwa kien irrifjuta l-kont tal-Perit. Meta gie muri d-dokument bil-kelma 'refused' jghid li ma kien jaf xejn dwaru. Jinsisti li ittri registrati huwa qatt ma rrifjuta. Mistoqsi jekk dan Salvu hux kunjomu Scerri u jekk huwiex perit, jghid li ma jafx.*

***Roderick Cassar** bin l-attur xehed nhar it-30 ta' Settembru 2010 u kkonferma li missieru kien ghamel applikazzjoni mal-MEPA dwar il-barriera li kellhom f'Tas-Salvatur. Mistoqsi jekk kellux xi nvolviment f'din il-kwistjoni jwiegeb fl-affermattiv u jghid li darba minnhom kien mar mal-attur fuq is-sit in kwistjoni. Jghid li kienu talbu lill-attur jaghmel rapport dwar l-istat tal-blat fil-barriera, izda x'kien ezatt il-ftehim ma jafx ghaliex l-attur kien ftiehem ma' missieru. Jghid pero', li fil-presenza tieghu valuri bhala prezz ma jafx li gew diskussi. Qal li darba minnhom kien mar u ltaqa' mal-perit fuq is-sit ghaliex missieru ma setax imur, u dan gibed zewg ritratti, pero' fis-sit ma dahlux. Jghid li mid-diskors tal-attur li sar dakinhar seta' jinduna li din il-kwistjoni kienet ser tiswa hafna flus. Qal li huwa kien tkellem ma' missieru u dan l-ghada kien cempel lill-attur u qallu biex ma jkomplix bl-inkarigu.*

*Il-Perit **Franco Montesin** xehed fit-30 ta' Settembru 2010 u kkonferma li huwa l-Perit li kien inkarigat mill-applikazzjoni li kellu l-konvenut mal-MEPA. Ikkonferma li fil-process quddiem il-MEPA din talbitu sabiex il-klijent tieghu igib rapport li jindika li l-barriera kienet 'exhausted'. Huwa kien issugerixxa lill-attur mal-konvenut, pero' ma kienx involut fil-kwistjoni ta' bejniethom. Ikkonferma li kien ircieva minghand l-attur kopja tar-rapport li kien ghamel. Ikkonferma wkoll li wara certu zmien il-konvenut kien qallu*

*li kien mar ghand persuna ohra sabiex thejjjilu dan ir-rapport dwar il-barriera, w ikkonferma li l-konvenut kien ghaddielu kopja ta' dan ir-rapport redatt mis-Sur Scerri, u li sussegwentement hu pprezenta lill-MEPA fil-5 ta' Marzu 2008. Jghid li dwar ir-rapport tal-attur ma jaf xejn salv li fil-covering letter tar-rapport li rcieva kien hemm id-data tat-22 ta' Frar 2008. Ikkonferma li l-attur stess ipprezenta dan ir-rapport tieghu il-MEPA.*

*Ikkonferma li kien issuggerixxa lill-attur mal-konvenut ghaliex dan huwa xoghol ta' specjalista, u hu ma jahdimx ta' geologista.*

*In kontro ezami nhar it-3 ta' Dicembru 2010 mistoqsi meta il-Perit Bianco kien ipprezenta r-rapport tieghu lill-MEPA jghid li ma jafx, ghalkemm ikkonferma li huwa gie moghti kopja fil-25 ta' Frar 2008. Ir-rapport ta' Saviour Scerri zgur li gie pprezentat nhar is-27 ta' Frar 2008, skont id-dokument li huwa esebixxa w li gie mmarkat bhala Dok. Z, u li ghandu t-timbru tal-MEPA.*

*Nhar id-19 ta' Ottubru 2010 xehed* ***Dr. Saviour Scerri*** *u qal li huwa ghandu Ph.D fil-geologija. Ikkonferma li kien gie mitlub sabiex jaghmel rapport ghall-konvenut dwar l-istat tal-barriera tieghu, cioe' jekk ghadhiex tajba sabiex jinqata' l-gebel tal-franka minnha. Jghid li l-konvenut ma qallux ghalfejn kellu bzonn dan ir-rapport, pero' jaf li fis-sena 2008 huwa lesta dan ir-rapport u ta kopja tieghu lill-konvenut. Mistoqsi jekk qatt tkellimx mal-Perit Montesin, jghid li le qatt ma kellmu. Huwa kien mar ghamel access, ra l-barriera, ra l-kwalita' tal-blat, ra li fil-qiegh kien hemm soll u li mhux tajjeb ghall-uzu tal-franka. Naturalment ir-rapport tieghu hu bazat fuq it-teknika specjali tieghu ta' geologista. Mistqosi kemm thallas ghar-rapport jghid li thallas bejn wiehed u iehor is-somma ta' sitta w tmenin lira Maltin (Lm86). Huwa esebixxa kopja ta' dan ir-rapport li gie mmarkat bhala Dok JC.*

*Illi nhar id-29 ta' Dicembru 2010 il-konvenut ipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri fejn fiha eccepixxa ssegwenti:-*

*<u>“Illi t-talbiet tal-attur huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, alternattivament l-Artikolu 2149 (c) tal-istess Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta</u>.”*

*Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u dana fis-seduta tat-22 ta’ Frar 2011 u f’din l-istess seduta l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.*

*Ikkunsidrat:*

*F’din il-kawza din il-Qorti hija rinfaccjata b’zewg eccezzjonijiet ta’ natura preliminari u cioe’ dik dwar il-preskrizzjoni jew ir-rinunzja taghha kif sollevat mill-avukat difensur tal-attur, u dik dwar il-fatt li l-attur m’ghandux personalita’ guridika skont il-ligi.*

*Dwar l-ewwel eccezzjoni jinghad li l-attur proprio et nomine huwa perit di professione w ghalhekk zgur li jista’ jesercita l-azzjoni odjerna w ifittex lill-konvenut bhala debitur tieghu sabiex jithallas tad-debitu li ghandu. Il-Qorti fliet il-process u rat li bejn l-attur de proprio u l-konvenut hemm relazzjoni guridika w dan ghaliex kif stqarr il-konvenut stess kien hu li qabbad lill-attur de prorio sabiex jaghmillu rapport u ghalhekk fir-rigward tal-attur personali din l-eccezzjoni qed tigi michuda. Fir-rigward tad-ditta Lino Bianco jirrizulta minn dak li qal l-attur stess li d-ditta Lino Bianco and Associates hija l-ufficcju minn fejn jopera u verament dan l-ufficcju m’ghandux relazzjoni guridika mal-konvenut u ghalhekk f’kaz li t-talba tal-attur Perit Lino Bianco ser tigi milqugha, din ser tigi milqugha limitatament fil-konfront tieghu.*

*Dwar it-tieni eccezzjoni w cioe’ jekk ghandhiex tapplika l-Artikolu 2148 (a) jew 2149 (c) tal-Kap. 16 din il-Qorti ghandha l-ewwel nett tara jekk kienx hemm rinunzja kif allegat mill-attur. L-attur iddikjara fit-trattazzjoni tieghu li f’din il-kawza l-konvenut ipprezenta eccezzjonijiet konfliggenti fis-sens illi l-ewwel jghid li l-kont kien wiehed eccessiv u wara, aktar tard, permezz ta’ eccezzjonijiet ulterjuri jghid li l-azzjoni hija preskritta.*

*Huwa pacifiku qabel xejn li jinghad li l-oggett tal-preskrizzjoni huma d-drittijiet soggettivi sostanzjali. Dan huwa hekk logiku minn dak dispost fis-Subinciz (2) ta' l-Artikolu 2107, liema artikolu jfisser il-preskrizzjoni bhala mezz liberatorju biex wiehed jehles minn azzjoni fejn il-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghaz-zmien li tghid il-ligi. Zmien li bhala regola generali w b'disposizzjoni ohra espressa, l-Ligi tqisu li jibda jiddekorri mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista' tigi ezercitata, minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss (Art 2137). L-impossibilita` li wiehed jagixxi trid tkun impossibilita` ndipendenti mill-volonta` tieghu, dovuta ghal kawza estranea li ma setax jirrimwovi.*

*Jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita ma jibqaghlha l-ebda valur meta din takkompanja eccezzjoni ohra li maghha hija nkonciljabbli u nkompatibbli. Dan jigri, tipikament, fejn l-attitudni tad-debitur ma tkunx dik taddifiza tal-inezistenza tad-debitu jew tac-cahda tad-dritt u l-azzjoni*
*tal-attur, izda tas-semplici kontestazzjoni tal-ammont jew ahjar kif jinghad f'din il-kawza il-quantum huwa esagerat. Konformement bhal fil-kaz tal-eccezzjoni tal-kompensazzjoni, eccezzjoni konsimili timporta rikonjizzjoni tad-dejn u dan ir-rikonoxximent jinterrompi l-preskrizzjoni, u jimporta wkoll rinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun gja kompjuta (vide* ***Peter Busuttil Vs Public Broadcasting Services Ltd*** *deciza fit-28 ta' April 2004).*

*Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet* ***Lorry Sive Lawrence Cuschieri Vs Onor Ministru ta' l-Ambjent et*** *deciza nhar il -25 ta' Frar 2005 deciza mill-Qorti tal-Appell jinghad li :-*
*"Fis-sistema legali Maltija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija kompatibbli ma' l-eccezzjoni ta' l-inezistenza totali tad-debitu. Izda jekk, mill-banda l-ohra, wahda mill-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut tkun dik tal-kompensazzjoni jew li l-ammont reklamat mill-attur ma jkunx dovut lilu fl-ammont minnu mitlub (u ghalhekk f'xi ammont anqas), allura jkun hemm rinunzja tacita tal-preskrizzjoni b'mod li jkun hemm inkompatibbilita` bejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u li l-ammont mitlub mhux dovut."*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Victor Calleja nomine vs Nazzareno Vassallo et noe** deciza fil-5 ta' Ottubru 1998 fejn inghad li "fejn id-debitur ma jichadx id dejn imma semplicement jikkontesta l-quantum ta' l-ammont dovut allegat mill-kreditur, id-debitur ikun qieghed jinterrompi w tacitament jirrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun qed tiddekorri."*

*Fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Ramel u Zrar Ltd vs Mixer Ltd gja Planka Ltd et** deciza fl-24 ta' April 2004 inghad li :-*

*"Huwa accettat li l-gharfien tal-kreditu jista' jkun kemm miftuh u kif ukoll prezunt jew indirett, u lanqas huwa mehtieg li tali gharfien ikun dwar il-kwantita' jew il-kreditu kollu pretiz mill-kreditur, peress li dak l-gharfien jista' wkoll jirrigwarda kreditu li ghadu mhux likwidu. Ghalhekk, meta d-debitur ma jichadx id-dejn imma jikkontesta l-ammont tieghu, ikun qieghed jinterrompi u bla ma jrid izomm iz-zmien preskrittiv li jkun beda jghaddi, u dan jghodd ukoll jekk tali gharfien isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni;"*

*In konkluzjoni dwar dan il-punt issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Aluminium Limited vs Earli Limited** deciz fis-16 ta' Frar 2002 fejn inghad li "Eccezzjoni li l-ammont mitlub huwa ezagerat jew eccezzjoni tal-kompensazzjoni huma inkompatibbli ma' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni".*

*Ghaldaqstant din il-Qorti ma thossx li huwa relevanti f'dan l-istadju tiddiskuti liema mill-artikoli tal-preskrizzjoni japplika ghall-kaz in d'esamina, ghaliex fil-fehma taghha hemm rinunzja ghall-preskrizzjoni.*

*Jibqa' ghalhekk li jigi diskuss il-mertu.*

*Jirrizulta mill-atti li l-konvenut kien inkariga lill-attur, fuq suggeriment tal-Perit tieghu il-Perit Franco Montesin, sabiex jutilizza s-servizz tal-Perit Lino Bianco fil-kapacita'*

*tieghu ta' espert fil-geologija, sabiex ihejji rapport dwar l-istat tal-blat li kien hemm fil-barriera tieghu f'Tas-Salvatur, u dan sabiex l-applikazzjoni li huwa kellu pendenti mal-MEPA tigi trattata.*

*Jinghad li l-attur kien iltaqa' mal-konvenut, u sahansitra kien spjegalu dak li kellu bzonn, u wara xi ftit iben il-konvenut kien iltaqa' mal-attur fuq is-sit sabiex l-attur jigbed zewg ritratti, u f'dik il-laqgha bin il-konvenut deherlu li l-prezz ta' dan ir-rapport kien ser ikun gholi wisq u hekk kien qal lil missieru. L-attur jghid li kien tkellem mal-attur fuq kemm kien ser jiswa r-rapport, izda l-konvenut dan jichdu, pero' jghid li kien jaf li ser ikun kostuz ghax dan qalulu ibnu. Jghid ukoll il-konvenut li wara certu zmien huwa fittex persuna ohra sabiex taghmillu dan ir-rapport sabiex jipprova jiffranka l-flus, pero' jghid ukoll li lill-attur ma qallux dwar din id-decizjoni minkejjja li kien tah l-inkarigu.*

*M'hemmx dubbju li l-attur hejja l-inkarigu tieghu, tant li pprezenta l-istess lill-MEPA, kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti, w ftit wara l-Perit Montesin ipprezenta rapport iehor li kien gie moghti lilu mill-konvenut.*

*L-attur jghid li verament il-konvenut kien waqqfu mill-inkarigu lejliet li huwa kien ser jipprezenta r-rapport tieghu. Jidher li l-attur huwa onest u genwin fix-xhieda tieghu, tant li anke pprezenta ittra li huwa baghat lill-konvenut sabiex jikkonferma li t-telefonata li kellu biex jieqaf mill-inkarigu li kellu saret biss lejliet. Din l-ittra giet mibghuta lill-konvenut izda ritornata bil-kelma 'refused'. Il-konvenut jghid li huwa qatt ma rrifjuta ittri pero' l-fatti juru mod iehor.*

*M'hemmx dubbju, u dan ghaliex mhux kontestat, li r-rapport li ghamel l-attur kien wiehed tajjeb, skond is-sengha u l-arti, u l-konvenut qed jirrifjuta li jhallsu mhux ghaliex mhux tajjeb izda ghaliex fil-fehma tieghu kien gholi wisq.*

*Il-konvenut jghid fl-eccezzjonijiet tieghu li ma ntuzatx it-tariffa K tal-Kap. 16 fil-kont li ntbaghat, u l-attur jghid li ma kienx marbut biha peress li dan ir-rapport huwa rapport ta'*

*specjalista, f'dan il-kaz geologist, u mhux xoghol ta' semplici perit li ghandu jithallas skond it-tariffa K.*

*Il-konvenut messu qabel ma nkariga lill-attur staqsih kemm kienu d-drittijiet tieghu u mhux l-ewwel tah l-inkarigu, baghat lil ibnu jiftahlu l-kancell tal-barriera, jkellmu, u imbaghad iwaqqfu hesrem. Din mhix irgulija, u wisq inqas mod kif bniedem ghandu juza servizz ta' professjonist.*

*Illi l-attur irnexxilu jipprova li l-kont li huwa baghat lill-konvenut ghadu ma thallasx, u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-Qorti thoss li t-talba tal-attur hija gustifikata u timmerita li tigi konfermata.*
*Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut salv ghall-parti tal-ewwel eccezzjoni, fis-sens li l-ufficcju tal-Perit m'ghandux locus standi, tilqa' t-talba tal-attur b'dan illi tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur de proprio s-somma reklamata minnu fir-rikors promoter fl-ammont ta' hamest elef, mitejn u hames ewro u hamsa u disghin centesmu (€5,205.95) ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors promotur.*

*L-ispejjez tal-kawza, tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Settembru 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezenatat kontestwalment mal-kawza, jkunu a karigu tal-konvenut, flimkien mal-imghax fuq is-somma, li ghandu jibda jiddekorri mill-jum meta giet prezentata l-ittra ufficjali fil-konfront tieghu."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' John Cassar detentur tal-karta tal-identita' 731352M datat 29 ta' Marzu 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-20 ta' Ottubru 2011.

Rat ir-risposta tal-Perit Lino Bianco (17866M) f'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Lino

Bianco and Associates datata 6 ta' Jannar 2012 a fol 21 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li s-sentenza tal- Qorti tal-Magistrati hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta' Frar 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehret l-Avukat Phyllis Aquilina ghall-appellat. Deher l-Avukat Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-appellant. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-30 ta' Ottubru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 9 ta' Marzu 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tal-appellant huma (a) li l-ammont mitlub huwa esagerat ghaliex ma kienx hemm bzonn dak in-numru ta' sieghat li l-appellat jghid li utilizza sabiex jesplita l-inkarigu tieghu, u dan apparti li l-appellanti isostni li l-appellat kompla bix-xoghol minkejja li kien imwaqqaf milli jkompli bl-inkarigu tieghu; barra minn dan il-perit appellat qatt ma indika lill-appellanti kemm ser ikun jiswa l-inkarigu tieghu; u xoghol simili li sar minn Dr. Saviour Scerri li huwa geologista kien jiswa ferm inqas tant li thallas biss €200 u b'hekk skont l-appellant saret evalwazzjoni hazina ta' provi mill-Ewwel Qorti; (b) l-appellant gie ikkundannat ihallas l-imghax mid-data tal-ittra ufficjali, meta tali ittra ufficjali qatt ma' kienet notifikata lill-konvenut appellant u allura l-imghax ma setax jibda jiddekorri mid-data ta' l-istess.

Illi dwar l-ewwel aggravju jirrizulta li dan huwa appell minn apprezzament ta' provi li sar mill-Ewwel Qorti u dwar dan il-principju segwit mill-gurisprudenza nostrali huwa fis-

sens li l-Qorti tal-Appell mhux normali li tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti hlief eccezzjonalment meta jirrizulta li d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti tkun giet ezercitata manifestament hazin (**“Angelo Bilocca vs Joseph Mary Cardona”** (A.I.C. (RCP) – 11 ta’ Ottubru 2011); **“Carmel Zammit et vs Anthony Lia”** (A.I.C. (RCP) – 29 ta’ Ottubru 2009); **“Noel Cutajar vs Graziella Zahra”** (A.I.C. (RCP) – 11 ta’ Ottubru 2011); u **“SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Limited et”** (A.I.C. (RCP) – 28 ta’ Mejju 2009).

Illi f’dan il-kaz din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti l-Ewwel Qorti setghet tasal ghal konkluzzjonijiet li waslet ghalihom, iktar u iktar meta jirrizulta li fil-fatt l-appellant kien inkariga lill-appellat, li l-appellat kien indikalu mill-ewwel li n-natura ta’ inkarigu tieghu kien ser ikun ta’ valur sostanzjali tant li ssemmiet ic-cifra ta’ Lm2,000 ta’ dak iz-zmien, li l-appellat effettivament esplita l-inkarigu tieghu, u kien biss wara li l-istess rapport tieghu kien prezentat sahanistra lill-MEPA, li l-appellant ittermina l-inkarigu tieghu; fil-verita’ ma ttermina xejn ghaliex l-inkarigu kien gja kompletat u x-xoghol gie esegwiet u allura din il-Qorti thoss li mill-provi processwali jirrizulta li dan iwassal sabiex tigi emnuta t-tezi tal-appellat u f’dan ir-rigward id-decizjoni tal-Ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-provi prodotti quddiema u l-apprezzament ta’ provi sar sew, kif jidher mid-decizjoni ben motivata u ezawrjenti fuq il-punti ta’ kontestazzjoni bejn il-partijiet u allura certament li ma huwiex il-kaz li din il-Qorti tiddisturba id-deskrizzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti, riflessi b’sentenza studjata u ben motivata. Dwar l-punt li llum l-appellant qed jikkontesta n-numru ta’ sieghet li l-appellant hadem il-kont tieghu fuqhu sabiex idderiga r-rapport, dan mhux punt li kellhu jitqajjem f’dan l-istadju, allura iktar minn 4 snin minn meta l-istess kont inhareg u intbaghat lill-appellant. Dwar ix-xoghol li twettaq minn professjonalist iehor – din il-Qorti lanqas ghandha tidhol fih, ghaliex dan mhux il-punt ta’ kontestazzjoni – il-kwistjoni hija dwar il-kont tal-appellat u dan jirrizulta li gie ppruvat u inverita’ qatt ma kien ikkontestat serjament fuq il-valur tieghu hlief f’dan l-istadju. Fil-fatt id-difiza tal-appellant hija mibnija fuq diversi binarji li huma kollha differenti minn xulxin, u primarja

fosthom kienet li l-appellant kien ittermina l-inkarigu tal-appellant qabel ma tlesta r-rapport, allegazzjoni li ma gietx sorretta mill-provi, u wkoll li l-appellat ma indikax kemm ser ikun jiswa' dan l-istudju, haga li l-appellat jichad u l-versjoni tieghu giet accettata mill-Ewwel Qorti ghaliex kienet iktar versomili, u fil-fatt ikkonfermata mix-xhieda ta' iben l-appellant. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju jirrizulta li r-rapport kien rikjest mill-appellanti in konnessjoni mal-operazzjonijiet kummercjali tal-appellant u kellhu x'jaqsam max-xoghol tieghu u r-rapport kien sar mill-appellat sabiex tigi konvertita' l-barriera tieghu f'*open storage area* ghal skopijiet kummercjali **(artikolu 4 u 5 tal-Kap. 13)** u bhala kreditu ta' natura kummercjali l-imghax jiddekorri minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni giet esegwieta u f'dan il-kaz meta l-istess appellat esplita l-inkarigu tieghu u baghat il-kont fit-23 ta' Frar 2008 (Dok. "CSH 4" – fol. 41) u allura l-imghax huwa legalment dovut minn dak in-nhar (**"Adrian Vella de Lucca vs Blue Med Travel Services Ltd"** (A.I.C. (PS) – 20 t'Ottubru 2003); **"Spiridione L. Mizzi proprio et nomine vs Emmanuele Falzon"** (K. 16 ta' Frar 1954 – Vol. XXXVIUIIC.iii.642); Izda la darba l-Ewwel Qorti mxiet fuq data ohra u ma nvestitx dan il-punt, izda l-appellat ma appellax fuq dan il-punt u ghalhekk filwaqt li l-aggravju tal-appellant qed jigi michud (ghaliex l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-esekuzzjoni tal-inkarigu tal-appellat u mhux mid-data tal-ittra ufficjali), din il-Qorti fic-cirkostanzi, u minkejja dak hawn ikkunsidrat li fil-verita' jivvantaga lill-appellant, ma tistax hlief tikkonferma d-decizjoni tal-Ewwel Qorti minhabba dak deciz, b'dan li f'kull kaz anke t-tieni aggravju qed jigi michud ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt. B'hekk l-appell tal-appellanti qed jigi michud.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat datata 6 ta' Jannar 2012 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn premess, **tichad l-appell interpost mill-appellanti John Cassar fir-rikors tal-appell tieghu**

**datat 29 ta' Marzu 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet "Perit Lino Cassar proprio et nomine vs John Cassar" (Rikors Numru 531/10CSH) datata 9 ta' Marzu 2011.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti John Cassar.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------